(6) Ir-regolamenti ċċitati iktar 'il fuq kif għandhom jiġu interpretati fil-każ li l-grupp ta' azzjoni lokali li qabel kien jopera b'mod konformi u regolari jkun ser jispiċċa? F'tali każ x'jiġri mill-impennji meħuda u mid-drittijiet miksuba mill-grupp ta' azzjoni lokali, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari għall-persuni kollha milquta?

(7) L-Artikolu 62(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tal-20 ta' Settembru 2005, dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jista' jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jitqiesu bħala ammissibbli u legali d-dispożizzjonijiet nazzjonali li abbażi tagħhom grupp ta' azzjoni lokali Leader li jopera fil-forma ta' kumpannija ekonomika mingħajr skop ta' lukru għandu fi żmien sena jieħu l-forma ta' assoċjazzjoni minħabba li hija biss il-forma ta' assoċjazzjoni li għandhom is-soċjetajiet mhux kummerċjali li tista' tiżgura b'mod konformi l-ħolqien ta' netwerk bejn il-membri lokali, peress li min-naħa, skont id-dritt Ungeriż fis-seħħ, l-għan ewlieni ta' kumpannija ekonomika huwa li tagħmel profitt u min-naħa l-oħra, l-interessi ekonomiċi jeskludu t-tfittxija u r-reklutaġġ ta' membri minn fost il-pubbliku?

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tal-20 ta' Settembru 2005, dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 286M, 4.11.2010, p. 26).

[2] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 305).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fil-21 ta' Jannar 2013 — Árpád Kásler u Hajnalka Káslerné Rábai vs OTP Jelzálogbank Zrt.

**(Kawża C-26/13)**

(2013/C 156/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Kúria

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Árpád Kásler u Hajnalka Káslerné Rábai

*Konvenuta:* OTP Jelzálogbank Zrt.

### Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993 [1], dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (iktar 'il quddiem id-"Direttiva") għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' self f'munita barranija, iżda li fir-realtà jingħata f'munita nazzjonali u li għandu jiġi rrimborsat mill-konsumatur esklużivament f'munita nazzjonali, il-klawżola kuntrattwali li tistabbilixxi r-rati tal-kambju, li ma kinitx innegozjata individwalment, taqa' taħt il-kunċett ta' "definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt"?

Jekk dan ma huwiex il-każ, id-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ u l-prezz tax-xiri [tal-munita] għandha tiġi kkunsidrata, abbażi tat-tieni espressjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, bħala remunerazzjoni li l-ekwivalenza tagħha mas-servizz ipprovdut ma tistax tiġi eżaminata għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura abużiva tagħha? F'dan ir-rigward, it-twettiq effettiv ta' operazzjoni ta' kambju bejn l-istabbiliment finanzjarju u l-konsumatur huwa determinanti?

(2) Jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali tista', indipendentement mid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, teżamina wkoll in-natura abużiva ta' tali klawżoli kuntrattwali, fil-każ li dawn ma humiex ċari u komprensibbli, dan l-aħħar rekwiżit għandu jinftiehem fis-sens li jimponi li l-klawżola inkwistjoni għandha tkun fiha nnifisha grammatikalment ċara u komprensibbli għall-konsumatur, jew jimponi barra minn hekk li r-raġunijiet ekonomiċi li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni tal-klawżola kuntrattwali kif ukoll ir-relazzjoni tal-imsemmija klawżola mal-klawżoli l-oħra tal-kuntratt għandhom ikunu ċari u komprensibbli għal dan l-istess konsumatur?

(3) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 u l-punt 73 tas-sentenza mogħtija fil-kawża Banco Español de Crédito (C-618/10) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali lanqas ma tista' tirrimedja għan-nuqqas ta' validità, fir-rigward tal-konsumatur, ta' dispożizzjoni abużiva ta' klawżola kuntrattwali ġenerali użata f'kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur billi temenda jew tissupplimenta l-klawżola kuntrattwali inkwistjoni, jekk il-kuntratt ma jistax jibqa' applikabbli abbażi tal-klawżoli kuntrattwali li jifdal wara t-tħassir tal-klawżola abbużiva? F'dan ir-rigward, huwa rilevanti li d-dritt nazzjonali fih dispożizzjoni ta' natura supplimentari li tirregola l-kwistjoni legali inkwistjoni fl-assenza tal-klawżola nieqsa minn validità?

[1] Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fit-22 ta' Frar 2013 — Luigi D'Aniello et vs Poste Italiane SpA

**(Kawża C-89/13)**

(2013/C 156/29)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Tribunale di Napoli

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Luigi D'Aniello *et*

*Konvenuta:* Poste Italiane SpA

**Domandi preliminari**

(1) Il-prinċipju ta' ekwivalenza jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, fl-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE ([1]), tipprevedi, fil-każ ta' sospensjoni illegali tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' xogħol, li jkun fih klawżola nulla dwar it-tul tal-kuntratt, konsegwenzi ekonomiċi differenti u kunsiderevolment inqas favorevoli meta mqabbla mal-każ ta' sospensjoni illegali tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt taħt id-dritt ċivili komuni, li jkun fih klawżola nulla dwar it-tul tal-kuntratt?

(2) Huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni li, fil-kuntest tal-applikazzjoni konkreta tagħha, sanzjoni tibbenefika lill-persuna li timpjega u li taġixxi b'mod abbużiv, għad-detriment tal-ħaddiem li jkun il-vittma ta' dan l-aġir abbużiv, b'tali mod li t-tul tal-proċedura, anki jekk neċessarju, jippreġudika direttament lill-ħaddiem u jiffavorixxi lill-persuna li timpjega u li l-effikaċità tal-miżuri maħsuba sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni *ex ante* tonqos proporzjonalment iktar ma ddum il-proċedura u kważi tiġi fix-xejn?

(3) Fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta ta' Nice, l-Artikolu 47 tal-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jipprekludu li t-tul tal-proċedura, anki jekk neċessarju, jippreġudika direttament lill-ħaddiem u jiffavorixxi lill-persuna li timpjega u li l-effikaċità tal-miżuri maħsuba sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni *ex ante* tonqos proporzjonalment iktar ma ddum il-proċedura u kważi tiġi fix-xejn?

(4) Fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet magħmula fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78/KE ([2]) u fl-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54/KE ([3]), il-kunċett ta' kundizzjonijiet tal-impjieg, li jinsab fil-klawżola 4 tad-Direttiva 1999/70/KE, jinkludi l-konsegwenzi tal-waqfien illegali tar-relazzjoni ta' impjieg?

(5) Fil-każ li tingħata risposta pożittiva għad-domanda preċedenti, id-differenza bejn il-konsegwenzi normalment previsti mill-ordinament ġudiku nazzjonali fir-rigward tal-waqfien illegali tar-relazzjoni ta' impjieg skont jekk din tkunx għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat tista' tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-Klawżola 4?

(6) Il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar iċ-ċertezza legali, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, id-dritt għal qorti indipendenti u, b'mod iktar ġenerali, id-dritt għal smigħ xieraq, iggarantiti mill-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [kif emendat bl-Artikolu 1(8) tat-Trattat ta' Lisbona u li għalih jagħmel riferiment l-Artikolu 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea] — ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u mal-Artikoli 46, 47 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata f'Nice fis-7 ta' Diċembru 2000, li ġew ikkonfermati fit-Trattat ta' Lisbona — għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-Istat Taljan milli jadotta, wara li jkun għadda tul ta' żmien kunsiderevoli, dispożizzjoni normattiva bħalma huwa l-Artikolu 32(7) tal-Liġi Nru 183/10, kif interpretat bl-Artikolu 1(13) tal-Liġi Nru 92/12] li tibdel il-konsegwenzi tal-proċeduri pendenti u tippreġudika direttament lill-ħaddiem filwaqt li tiffavorixxi lill-persuna li timpjega u li l-effikaċità tal-miżuri maħsuba sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni *ex ante* tonqos proporzjonalment iktar ma ddum il-proċedura u kważi tiġi fix-xejn?

(7) Fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrikonoxxix li l-prinċipji msemmija għandhom il-valur ta' prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni orizzontali u ġġeneralizzata tagħhom bejn il-partijiet u, għaldaqstant, dispożizzjoni bħalma hija l-Artikolu 32(5) sa (7) tal-Liġi Nru 183/10 [kif interpretata bl-Artikolu 1(13) tal-Liġi Nru 92/2012] tkun kuntrarja biss għall-obbligi previsti fid-Direttiva 1999/70/KE u fil-Karta ta' Nice, kumpannija, bħalma hija l-konvenuta, li jkollha l-karatteristiċi deskritti fil-punti [60] sa [66], għandha titqies li hija organu tal-Istat għall-finijiet tal-applikazzjoni diretta vertikali axxendenti tad-dritt Ewropew u b'mod partikolari tal-Klawżola 4 tad-Direttiva 1999/70/KE u tal-Karta ta' Nice?

(8) Fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti risposta pożittiva għad-domandi 1, 2, 3 jew 4, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, ikkunsidrat bħala prinċipju fundatur tal-Unjoni Ewropea, jippermetti li ma tiġix applikata dispożizzjoni interpretattiva, bħalma huwa l-Artikolu 1(13) tal-Liġi Nru 92/12, li tagħmel impossibbli l-osservanza tal-prinċipji li jirriżultaw mir-risposti għad-domandi 1 sa 4?

[1] Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

[2] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

[3] Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof Baden-Württemberg (il-Ġermanja) fit-28 ta' Frar 2013 — U vs Stadt Karlsruhe**

**(Kawża C-101/13)**

(2013/C 156/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof Baden-Württemberg